MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Appell Civili - Ghawdex Numru. 70/1995/1

**Joseph Borg *et***

**vs**

**Eucharistico Saliba *et***

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Ottubru, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri tat is-segwenti provvediment fl-ismijiet premessi, u dan wara li Eucharistico Saliba ipprezenta rikors ghar-ritassa tad-drittijiet gudizzjarji:-

> **“**Il-Qorti;
>
> Rat ir-rikors u r-risposti;
>
> Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi;

> Billi l-kawza in kwistjoni kienet wahda possessorja u giet ammessa qabel ma thalliet ghas-sentenza, ghandha tigi ntaxxata bhali tali, u ghalhekk id-drittijiet u taxxa ohra ghandhom ikunu zewg terzi (2/3) ta’ dawk li kienu jigu intaxxati li kieku l-kawza tkun giet deciza minghajr ammissjoni. Altrimenti ma jkun hemm ebda incentiv ghall-partijiet li jammettu qabel ma l-kawza tithalla ghas-sentenza.
>
> Ghalhekk tilqa’ t-talba u tordna lir-Registratur sabiex jerga’ johrog taxxa ohra a bazi ta’ dan id-digriet.”

Appella minn dan il-provvediment ta’ l-ewwel Qorti r-rikorrenti Joseph Borg bl-aggravju illi jattakka l-mod kif dik il-Qorti rreduciet b’terz (1/3) kemm id-dritt tar-Registru kif ukoll l-onorarju ta’ l-Auvkat;

Ghal dan l-appell Eurcharistico Saliba jwiegeb kif gej:-

(1) Fl-ewwel lok, l-irritwalita u nullita ta’ l-appell ghax, trattasi minn digriet kamerali, il-procedura maghzula mill-appellanti ma kienetx dik idoneja;
(2) Billi l-appell sar minn Joseph Borg wahdu dan kellu jitlob, se mai, il-modifika tad-digriet u mhux, ukoll, ir-revoka tieghu. F’kull kaz dan lanqas ma ghandu interess guridiku in meritu ghall-vertenza dwar id-dritt tar-registru;
(3) Fil-meritu, id-digriet hu wiehed gust u jimmerita konferma;

L-esigenza procedurali tiddetta illi l-ewwel haga li din il-Qorti trid tinvesti tirrigwarda l-eccezzjoni preliminari mqanqla mill-appellat. Dan ghar-raguni ovvja illi jekk din tirrizulta fondata mhux il-kaz li l-Qorti tghaddi biex tistharreg l-aggravju fil-mertu jew li tinvestiga l-argomenti l-ohra sottomessi mill-appellat;

In tema ta' digrieti huwa pacifiku li dawn jinqasmu principalment fi tnejn - "dawk kamerali li allura ma jigux ippronunzjati *viva voce* u dawk interlokutorji li jigu ppronunzjati fl-udjenza matul l-andament tal-kawza. Id-digriet kamerali, minhabba l-karatteristici taghhom imsemmija, ma jistghu qatt jigu kkonsiderati sentenzi". Ara "**Lawrence Ellul Sullivan *et nomine* -vs- Lawrence Ciantar**", Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1992 u "**Emanuel Abela -vs- Perit Arkitett Fred Valentino *et***", Appell, 4 ta' Dicembru, 1998;

Dejjem in tema, fejn jittratta minn digriet kamerali ma hemmx dritt ta' appell dirett lil din il-Qorti izda dak ta' l-impunjattiva tieghu permezz ta' rikors fil-Qorti li tkun emaniet dak id-digriet u l-eventwali sussegwenti appell lil din il-Qorti mis-sentenza relattiva. Fuq il-punt il-gurisprudenza hi abbondanti. Ara b'illustrazzjoni "**Rosa Borg -vs- Avukat Dr. Frank Chetcuti *et nomine***", Appell Civili, 8 ta' Frar, 1946 u "**Harold Bartoli *nomine* -vs- Avukat Dottor Franco Depasquale *et nomine***", Appell Kummercjali, 6 ta' Dicembru, 1971;

Issa mill-attijiet tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti huwa bil-wisq ovvju illi l-provvediment moghti minn dik il-Qorti fit-12 ta' Ottubru, 2007 hu wiehed kamerali billi dan ma nghatax mill-Qorti fil-miftuh, kif hekk inhi l-prattika fil-kaz tad-digrieti interlokutorji. Jekk allura dan hu hekk, minn tali digriet mhux interlokutorju ma setax isir appell direttament lil din il-Qorti. Jikkonsegwi illi l-pregudizzjali sollevata ta' l-irritwalita` u nullita` ta' l-appell hi gustifikata;

Maghdud dan, din il-Qorti trid *marte proprju* tirrileva illi r-rizoluzzjoni tal-kwestjoni ventilata quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad lanqas ma setghet issir permezz ta' semplici digriet. Dan qed jigi rilevat ghar-raguni illi l-materja li kellha quddiemha dik il-Qorti ma kienetx tattira, ghar-rizoluzzjoni taghha, illi l-gudizzju dwarha jsir fil-forma ta' digriet imma permezz ta' sentenza;

L-impunjattiva ta’ taxxa ta’ l-ispejjez guddizzjarji likwidati mir-Registratur tikkonsisti minn domanda li fiha l-parti denunzjanti tirrimetti in diskussjoni ghall-gudizzju tal-Qorti dik it-tassazzjoni. Dan fil-forma stabbilita mill-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Huwa proprju dan il-mezz ta’ impunjattiva li f’dan il-kaz gie esperit mill-appellat Eucharistico Saliba;

Issa n-natura ta’ provvediment gudizzjali jrid jigi dezunt mhux tant mill-forma li fih inghata jew mill-kwalifika attribwita lilu mill-gudikant li emettih izda mill-kontenut effettiv tieghu. Hekk hu attribwit lil dan il-provvediment il-valur sostanzjali ta’ sentenza proprja meta il-gudikant ikun ezamina u rrizolva b’mod irrevokabbli u immodifikabbli l-kwestjoni dibattuta mill-partijiet quddiemu. Jinghad a propozitu fid-decizjoni fl-ismijiet “**Maria vedova di Paolo Pace Asciak -vs- Vincenzo Caruana**”, Appell Civili, 27 ta’ Ottubru, 1927 illi “*il distintivo carattere della sentenza è quello per cui viene definita una quistione riguardante l’azione, il merito e la procedura talmente che nessun’ altra sentenza sulla quistione definita possa essere pronunziata dallo stesso tribunale dopo il detto pronunziamento*”;

Minn dan tinzel il-konsegwenza illi meta, bhal f’dan il-kaz, il-pronunzjament kien intiz li jkollu kontenut decizorju, u mhux wiehed merament ordinatorju bi skop ta’ xi trattazzjoni ulterjuri tal-kwestjoni, tali kellu jassumi dak tas-sentenza u tal-karattru effikaci ta’ *res judicata.* Proprjament dan kellu jkun l-effett guridiku li l-meritu kien destinat li jipproduci, u mhux dik tal-forma esterjuri moghtija mill-ewwel Qorti meta din kienet iddeterminat pjenament id-domanda li kellha quddiemha. Jikkonsegwi allura illi la dik il-Qorti ma ottemperatx ruhha mal-forma ta’ sentenza, kif hekk kellu jkun, il-procedura minnha adottata tal-pronunzjament moghti ghandha titqies irritwalment koncepita.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara irritu dan l-appell, qeghda *marte proprju* tissolleva l-irritwalita` u n-nullita` tal-pronunzjament moghti mill-ewwel Qorti billi dan ma huwiex konformi ma' dak tan-natura ta' sentenza kif kellu jkun. Tirrimetti l-atti lura lil dik l-ewwel Qorti biex din tiddisponi mill-kwestjoni quddiemha skond il-ligi fl-ambitu tal-konsiderazzjonijiet suespressi. Fic-cirkustanzi l-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kollha involuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------